

Brussell, 24 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5359/23

LIMITE

ECOFIN 42
UEM 19

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozz ta' disinn għal munita kommemorattiva ta' 2 euro ppreżentat minn Franza

1. Skont l-Artikolu 10(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill"), Franza ppreżentat, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozz ta' disinn għal:
 - munita kommemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex tinħareġ fl-2023, iddedikata għal-Logħob Olimpiku (kif jinsab fid-dokument ST 5358/23).
2. Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak id-disinn tal-abbozz x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu.
3. Skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma jirrispettax ir-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija kellha tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.

¹ ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1.

4. Ma tressqet ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill sat-23 ta' Jannar 2023, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit f'konformità mal-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill.
5. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn imsemmi hawn fuq hi meqjusa li ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2023².
6. Hu mfakkar li, skont l-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jqisu din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fuq l-aġenda tal-laqgħat tagħhom li jmiss.

² Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 jiġu determinati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).